

- Indipendenza tal-Karatteristika 68 fir-rigward taċ-ċirkustanzi ambjentali.
 - Il-paragunabbiltà ta' data miġjuba mill-UCR fir-rigward tan-numru ta' żerriegħha ta' Nadorcott.
-

Appell ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2016 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-21 ta' Lulju 2016 fil-Kawża F-91/15, AV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-701/16 P)

(2017/C 014/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser, T. S. Bohr u C. Ehrbar, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: AV (Cadrezzate, l-Italja)

Talbiet

- tannulla s-sentenza appellata;
- tibghat lura l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kosposta bħala l-ewwel istanza;
- tirriżerva l-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant tinvoka żewġ aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq żewġ żbalji ta' liġi li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) kien wettaq. Fl-ewwel lok, it-TSP kien annulla d-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Settembru 2014, li lill-parti l-oħra fil-proċedura tiġi applikata r-riżervu medika prevista fl-Artikolu 32 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea u li tirrifżutħalha l-benefiċċju tal-allowance tal-invalidità, minkejja li l-annullament ta' deċiżjoni għal ksur tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli huwa biss eċċeżżjoni. Fit-tieni lok, it-TSP kien bi żball qies li d-dewmien eċċessiv fit-teħid ta' deċiżjoni seta' jaftettwa l-kontenut stess tad-deċiżjoni. Barra minn hekk, l-appellant tikkonstata ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward ta' dan it-tieni aspett.
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball ta' liġi li jirriżulta mill-fatt li, billi t-TSP kien annulla d-deċiżjoni kkontestata billi ddeċieda li t-terminalu fl-iżvolġiment tal-proċeduri amministrattivi kkunsidrat eċċessiv kellu effett fuq il-kontenut stess tad-deċiżjoni, is-sentenza appellata tikser il-prinċipju tal-awtoritā ta' res judicata.
-

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2016 – Vincenti vs EUIPO

(Kawża T-747/16)

(2017/C 014/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Guillaume Vincenti (Alicante, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Ufficiċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)